**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Monica Magro K.I. 193553 (M)**

**Carmen Houlton K.I. 812905 (M)**

**Vs**

**Jesmond Vassallo K.I. 050268(M)**

**Maria Theresa Tabone K.I. 259065 (M)**

**Mark Vassallo K.I. 177570 (M)**

**Rikors Guramentat Numru: 46/17**

Illum 6 ta' Novembru 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Monica Magaro u Carmen Houlton ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligjiet ta' Malta li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond numru 4 gja 121, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun, liema fond kien mikri liI Alfred u Emma konjugi Vassallo rninn qabel l-1995.

2. Illi l-kirja li kienet tithallas, kienet dik stabbi1ita skont l-Artikolu 1531C tal- Kap 16, fejn il-konjugi Vassallo kienu jhallsu sena bil-quddiem fit-28 ta' Frar ta' kull sena. L-ahhar pagament kien ta' EUR 203.13 fit-28 ta' Frar 2015, li kien jkopri mit-28 ta' Frar 2015 sas-27 ta' Frar 2016.

3. Illi l-imsemmijin Alfred Vassallo u Emma Vassallo mietu fit-8 ta' Awwissu 2015 u fis-6 ta' Marzu 2016 rispettivament (kopji tac-certifikati tal-mewt annessi Dok MM7 u Dok MM8).

4. Illi l-imsemmijin Alfred Vassallo u Emma Vassallo kienu jghixu wahedhom fl-istess fond.

5. Illi wara l-mewt tal-istess konjugi Vassallo, ma kien hemm ebda persuna intitolata skont il-ligi sabiex tkompli tgawdi l-kirja tal-fond 4 gja numru 121, Our Lady of Sorrows Street, Harnrun, liema kirja ghalhekk giet terminata mal- mewt ta' Emma Vassallo fis-6 ta' Marzu 2016.

6. Illi minkejja dan, l-intimati, li huma t-tfal (kopji tac-certifikati tat-twelid annessi **Dok** MM9, **Dok MM10 u Dok MM11** u l-eredi prezunti tal-konjugi Vassallo li mietu intestati (ricerki testamentari ta' Alfred u Emma Vassallo annessi **Dok** MM12, **Dok** MM13, **Dok** MM14, u **Dok** MM15 kif ukoll id-detenturi effettivi tac-cviewet tal-fond 4, Triq id-Duluri, Harnrun, ghadhom ma rritornawx il-pussess tal-battal tal-fond lokat.

7. llli oltre hekk, ir-rikorrenti jafu li hemm kontijiet pendenti tad-dawl u tal-ilma fuq il-fond u li sallum ghadhom ma thallsux.

8. lIli l-intimati gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Gunju 2016 (kopja annessa **Dok** MM16) sabiex iroddu c-cviewet u l-pussess battal tal-fond lir-rikorrenti, sabiex ihallsu l-kontijiet kollha pendenti u jdawwru 1-meters, izda baqghu ghal kollox inadempjenti u moruzi.

9. lIli oltre hekk, il-mittenti ghadhom qed isofru danni ai termini tal-Artikolu 16A(1)(a) tal-Kap 69 bhala kumpens ghal telf ta' qliegh minhabba 1-intransigenza tal-intimati u dan sakemm ir-rikorrenti jinghataw Iura l-pussess effettiv tal-fond.

10.Illi ghalhekk ir-rikorrenti qieghdin jipprezentaw dawn il-proceduri sommarji sabiex jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord jiddikjara l-kirja terrninata, jordna 1-izgumbrament tal-intimati, jordna lill-intimati jhallsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma u jdawwru l-meters fuq isem ir-rikorrenti, u jordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti kumpens ghal telf ta' qliegh sakemm jaghtu lura l-pussess effettiv tal-fond.

11.Illi safejn jafu ir-rikorrenti, l-intimati m' ghandhornx difiza x'jaghtu kontra t-talbiet tar-rikorrenti.

12.Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghdin jintavolaw dawn il-proceduri sommarji specjali ai termini tal-Artikolu 16A tal-Kap 69.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jaqta' u jiddeciedi billi:

1. Jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti minghajr ma jghaddi ghas-smigh tal-kawza, u dan ai termini tal-kikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Jiddikjara li l-kirja tal-fond 4 gja numru 121, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun giet terminata mal-mewt ta' Emma Vassallo fis-6 ta' Marzu 2016.
3. Jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond 4 gja numru 121, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun, u jordna lill-intimati sabiex jizgumbraw mill-fond u jroddu l-pussess battal tal-fond, u dan fi zmien qasir u perentorju prefiss minn dan l-Onorabbli Bord.
4. Jikkundanna lill-intimati sabiex idawwru l-meters tad-dawl u tal-ilma relattivi ghall-fond fuq isem ir-rikorrenti u/jew min minnhom fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dan l-Onorabbli Bord, u jikkundanna lill-intimati solidalment sabiex ihallsu l-ispejjez rilevanti ghat-transfer tal-meters. Fin-nuqqas li l-

intimati jdawwru l-meters tad-dawl u tal-ilma relattivi ghall-fond fuq isem ir-rikorrenti jew min minnhom fiz-zmien prefiss minn din il-Qorti, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jiffirmaw kwalunkwe dokument jew jaghrnlu kwalunkwe dikjarazzjoni f'isem l-intimati u/jew f'isem il-mejtin Alfred u Ernrna Vassallo mal-entitajiet kollha responsabbIi sabiex l-istess meters jigu fuq isem ir-rikorrenti jew min minnhom.

5. Jiddikjara lill-intimati solidalment responsabbli sabiex ihallsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma fuq il-fond 4 gja nurnru 121, Our Lady of Sorrows Street, Harnrun, u jordna u jikkundanna lill-intimati solidalment sabiex ihallsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kollha sad-data li r-rikorrenti jinghataw lura l-pusses effettiv tal-fond.

6. Jiddikjara li l-intimati solidalment responsabbli sabiex ihallsu lir-rikorrenti danni ossija kumpens ghal telf ta' qliegh sakernrn l-intimati jaghtu lura l-pussess effettiv tal-fond (inkluz li jiddawwru l-rneters fuq ir-rikorrenti), u jordna u jikkundanna lill-intimati solidalment ihallsu lir-rikorrenti s-sornrna ta' EUR 406.26 bhala kumpens ghal telf ta' qliegh ghall-perjodu bejn it-28 ta' Frar 2016 sas-27 ta' Frar 2018, kif ukoll li sussegwentement jhallsu s-sornrna ta' EUR 203.13 fis-sena bil-quddiem fit-28 ta' Frar ta' kull sena (liema somma ghandha tkompli tizdied skont l-Artikolu 1531C tal-Kap 16) u dan sad-data li r-rikorrenti jinghataw Iura l-pussess effettiv tal-fond.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluzi tal-ittra ufficjali 2148/2016 Prim' Awla.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata ta' Monica Magro.

Ra li l-intimati gew debitament notifikati u li filwaqt li Maria Theresa Tabone dehret, l-intimati l-ohra ma dehrux biex jikkontestaw it-talbiet attrici.

Sema'x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond 4 gja numru 121, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun hekk kif ippruvat minnhom bid-dokumenti ezebiti. Dan il-fond kien mikri lill-konjugi Emma u Alfred Vassallo sa minn qabel l-1995. Ir-rikorrenti saru jafu li Alfred Vassallo miet fit-8 ta' Awwissu 2015 filwaqt li Emma Vassallo mietet fis-6 ta' Marzu 2016. Nonostante li huma kienu jghixu wahedhom fil-fond inkwistjoni u ghalhekk hadd ma ghandu dritt ikompli fil-kirja l-eredi tal-konjugi Vassallo ossija t-tlett uliedhom li huma l-intimati ma rritornawx il-pussess battal tal-fond u lanqas hallsu l-arretrati tal-kera.

Irrizulta mix-xhieda mismugha li intalbet ic-cavetta minghand Jesmond Vassallo izda l-inkontru qatt ma sar. Inoltre' irrizulta wkoll li f'dan il-fond hadd ma joqghod u dank if gie stabilit mill-istess rikorrenti personalment. Inoltre' anki abbazi ta' estratti mir-Registru elettorali jirrizulta li kemm Mark Vassallo u kif ukoll Jesmond Vassallo ghandhom residenzi taghhom f'lokalitajiet ohra.

Fis-seduta tallum ir-rikorrenti irtiraw ir-raba', hames u sitt talbiet taghhom filwaqt li zammew ferm u impregudikati d-drittijiet taghhom.

L-intimati Jesmond Vassallo u Mark Vassallo ma dehrux biex jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti.

L-intimata Maria Theresa Tabone ipprezentat nota ai termini tal-artikolu 16A(5) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u fis-seduta tallum regghet tenniet u talbet li tinghata l-fakulta' li tipprezenta risposta invista li ghandha eccezzjonijiet x'taghti.

Il-Bord wara li sema′ l-partijiet u sema′ anki xhieda qies li l-intimata Maria Theresa Tabone ma ghandhiex difiza u ghalhekk cahad it-talba taghha. Irid jigi precizat li l-istess intimata ikkonfermat li hija wahda mill-werrieta tal-konjugi Vassallo u li hija ilha ma tirrisjedi fil-fond inkwistjoni ghexieren ta′ snin minn mindu zzewget u li hija ghalhekk ma kellha l-ebda oggezzjoni li r-rikorrenti jiehdu lura l-pussess tal-fond biss pero′ hija m′ghandhiex cwievet tal-istess fond.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta′ u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni  ulterjuri tar-raba′, hames u s-sitt talbiet tar-rikorrenti, jilqa′ t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti u ai fini tat-tielet talba qieghed jordna lill- intimati jizgumbraw mill-fond numru 4 gja 121, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun fi zmien perentorju ta′ tletin (30) jum.

Ai fini ta′ spejjez, inkwantu ghar-raba′, hames u sitt talbiet dawn ghandhom jgiu sopportati mir-rikorrenti, u inkwantu ghall-ispejjez dwar it-talbiet l-ohra invista ta′ dak dikjarat mill-partijiet u in vista li l-Bord iqis ukoll li hekk hu gust fic-cirkostanzi, Maria Theresa Tabone ghandha biss tbati l-ispejjez taghha u mhux tar-rikorrenti u/jew l-intimati l-ohra u kwindi l-ispejjes l-ohra apparti dak kif inghad ghandhom ikunu sopportati unikament mill-intimati Jesmond Vassallo u Mark Vassallo.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**